# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

# IMĦALLEF
# ONOR. JOSEPH AZZOPARDI LL.D.

## Illum l-Erbgħa, 26 t'April 2017

**Kawża Nru: 9**

**Rikors Ġuramentat Nru: 817 / 08 JA**

**Elmo Insurance Limited (C3500) kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha Martin Xuereb, u l-istess Martin Xuereb**

**-vs-**

**Wagdi Ben Hamed u martu Dorothy Ben Hamed, għal kull interess li jista' jkollha**

## Il-Qorti,

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat mis-soċjeta' attriċi fis-27 ta' Marzu 2009 li permezz tiegħu ġie premess:

Illi fit-2 ta' Lulju 2005, fi Triq Sant' Andrija, San Ġiljan, waqt li l-intimat Wagdi Ben Hamed kien qed issuq il-vettura Nru.

BEN 011 ħabat mal-vettura Nru. MJX 001, proprjeta' tar-rikorrent Martin Xuereb u misjuqa minn Malcolm Xuereb. [Dok. 'JZM 1'].

Illi għall-inċident u konsegwenzjali danni kien jaħti unikament l-intimat Wagdi Ben Hamed minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u dan kif sejjer jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi b'konsegwenza ta' dan l-inċident, il-vettura Nru. MJX 001 ġarrbet ħsarat konsiderevoli fl-ammont komplessiv ta' tlieta u għoxrin elf, tlett mija tmienja u għoxrin Ewro, seba' u sittin ċenteżmu [€23,328.67]. Peress illi l-vettura MJX 011 kienet assikurata mas-soċjeta' rikorrenti skond polza *comprehensive*, l-istess soċjeta' ħallset l-ammont ta' tnejn u għoxrin elf, disa' mija, wieħed u għoxrin Ewro u tlett ċenteżmi [€22,921.03] u għalhekk ġiet surrogata fid-drittijiet tal-assikurat tagħha. Min-naħa tiegħu, ir-rikorrent Martin Xuereb ħallas l-ammont ta' erba' mija u seba' Ewro, u erbgħa u sittin ċenteżmu [€407.641].

Minkejja li l-intimati kienu interpellati sabiex jagħmlu tajjeb għad-danni tar-rikorrenti, huma baqgħu inadempjenti.

Għalhekk kellha ssir din il-kawża fejn ir-rikorrenti qed jitolbu li din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tiddikjara lill-intimat Wagdi Ben Hamed unikament responsabbli għall-inċident fuq deskritt u għad-danni kollha li bħala konsegwenza tal-istess ġarrbu r-rikorrenti.

2. Tillikwida d-danni kollha tar-rikorrenti fl-ammont komplessiv ta' tlieta u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro, sebgħa u sittin ċenteżmu [€23,328.67], in kwantu għal tnejn u għoxrin elf, disa' mija u wieħed u għoxrin Ewro u tlett ċenteżmi [€22,921.03] lis-soċjeta'

rikorrenti Elmo Insurance Limited, u l-ammont ta' erba' mija u seba' Ewro, erbgħa u sittin ċenteżmu [€407.64] lir-rikorrent Martin Xuereb.

3. Tikkundanna lill-intimati sabiex iħallsu lir-rikorrenti l-ammont kumplessiv ta' tlieta u għoxrin elf, tlett mija u tmienja u għoxrin Ewro, u sebgħa u sittin ċenteżmu [€23,328.67], in kwantu għal tnejn u għoxrin elf, disa' mija u wieħed u għoxrin Ewro u tlett ċenteżmi [€22,921.03] lis-soċjeta' rikorrenti Elmo Insurance Limited, u l-ammont ta' erba' mija u seba' Ewro, u erbgħa u sittin ċenteżmu [€407.64] lir-rikorrent Martin Xuereb.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tal-1 ta' Frar 2007, dawk tal-ittra uffiċjali preżentata llum kontestwalment ma' dan l-att għan-notifika tal-assikurazzioni tal-intimat skond il-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta, u bl-imgħax legali bis-seħħ mill-1 ta' Frar 2007, kontra l-intimati li huma nġunti għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tas-soċjeta' attriċi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti ppreżentata fil-15 ta' April 2009 li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament jiġi sottomess li l-intimata Dorothy Ben Hamed mhijiex il-leġittima kontradittriċi *stante* li bejn l-intimati ma teżistix il-komunjoni tal-akkwisti kif ser jiġi ppruvat fil-mori ta' dan ir-rikors;

2. Illi preliminarjament ukoll u mingħajr preġudizzju għas-suespost jiġi sottomess li l-intimata Dorothy Ben Hamed m'hijiex il-leġittima kontradittriċi *stante* li ma għandha ebda konnessjoni ma' l-inċident imsemmi tant li lanqas biss kienet fuq il-post tal-inċident;

3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma kollha nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jigu miċħuda, u dan *stante* li l-inċident in kwistjoni seħħ unikament b'tort, negliġenza u nuqqas ta' osservazzanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tas-sewwieq tal-vettura ta' Martin Xuereb ċjoe' Malcolm Xuereb, u dan kif ser jiġi pruvat fil-mori tal-kawża;

4. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, jinkombi fuq ir-rikorrenti li jippruvaw id-danni hekk kif mitluba u *stante* li l-intimati jħossu li d-danni mitluba huwa eżorbitanti ma jirriflettux il-verita', l-ammont mitlub huwa kontestat;

5. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, kien l-istess intimat Wagdi Ben Hamed li sofra danni konsegwenza ta' dan l-inċident u għalhekk qed jirriserva d-dritt għal kwalunkwe azzjoni għar-rimbors tad-danni sofferti minnu;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti u l-lista tax-xhieda.

Rat id-digiret ta' din il-Qorti diversament preseduta li permezz tiegħu ġiet nominata bħala espert tat-traffiku l-Avukat Dottor Yana Micallef Stafrace u r-rapport tagħha debitament maħluf;

Ikkunsidrat:

Illi kif jidher mill-atti li ġew imsemmija, is-soċjeta' attriċi qed titlob li l-konvenut ikun ikkundannat li jħallas l-ammont li hija ħallset lill-assikurat tagħha Malcolm Xuereb wara inċident

stradali li fih il-vettura assikurata minnhom ġiet danneġġjata sostanzjalment.

Illi d-dinamika tal-inċident hija ċara u ma hemmx lok għal wisq deliberazzjoni fuqha. Mill-okkorrenza esebita a fol 6 jidher li Xuereb ried jikser lejn il-lemin tiegħu għal ġo triq sekondarja meta l-konvenut li kien ġej minn warajh, baqa' dieħel ġo fih minn wara; il-konvenut dejjem sostna li t-tort kien ta' Xuereb għaliex dan kien ġja' kiser lejn il-lemin u allura l-kolliżjoni seħħet fin-naħa ħażina tat-triq. Dan l-argument pero' jgħodd għaż-żewġ partijiet għaliex mill-iskizz jirriżulta ċar li anke l-konvenut, biex jaqbeż it-traffiku li kellu quddiemu qabeż il-linja medjana u saq distanza pjuttost konsiderevoli (fiċ-ċirkostanzi tal-lok) appuntu fuq in-naża ħażina tat-triq.

Illi f'dan il-kuntest hija f'lokha l-osservazzjoni li għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawża fl-ismijiet **"Pulizija vs Joseph Muscat"** (deċiża fl-1995) meta qalet li:

*"Min ikun qed isuq, għalkemm ma jagħmilx dawk il-kalkoli matematiċi li huma meħtieġa biex fil-Qorti jiġi apprezzat u ġudikat il-każ, għandu pero` jkun jaf u jirrealizza li fis-sewqan awtomobilistiku d-distanzi u l-kolliżjonijiet huma kwistjoni ta' sekondi; u għalhekk is-sewwieq għandu jirregola l-għemil tiegħu fis-sewqan konformament."*

Illi f'dan il-każ ma hemmx dubju li Xuereb bħala s-sewwieq li kellu jibdel id-direzzjoni kellu dmir li jara li l-manuvra tiegħu ma tikkawża ebda periklu għalih u għal ħaddieħor.

Illi l--awtur **Buchanan** fil-ktieb ***"Liability in Motor Cases"***, f'paġna 29 jgħid:-

*"In cases of collisions between an overtaking motorist and a right turning motorist being overtaken, it is first of all*

*necessary to have regard to the duties of the right-turning motorist.*

*Early decisions tended to consider that all the turning motorist was required to do was to give a clear indication to following motorists of his intention. As regulations requiring a motorist to have a clear view througħ his rear-view mirror of following traffic became stricter, it became the duty of the driver to keep a look-out both in front and behind. He no longer complies with his duty unless, after giving his turning signal, he takes reasonable steps to satisfy himself that following traffic has both seen and reacted to his signal, which, it is submitted, boils down to taking reasonable steps to ensure that there will be no traffic in the process of overtaking him as he makes his turn".*

Illi dawn il-prinċipji ġew affermati f'diversi sentenzi mogħtija mill Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, fosthom **"Clarke vs Aquilina"** deċiża fis-6 ta' Diċembru 1977; **"Sciberras vs Zammit"** deċiża fit-13 ta' Lulju 1978; **"Azzopardi vs McCarthy"** deċiża fl-20 ta' Settembru 1978; **"Deguara vs Mallia"** deċiża fil-25 ta' Jannar 1983; **"Gendrex vs Vassallo"** deċiża fil-15 ta' Jannar 1988; u **"Duca vs Mifsud"** deċiża fil-15 ta' Ġunju 1988.

Illi l-artikolu 85 tal-**Highway Code** jgħid:

*"Well before you turn at a junction take full account of the position and movement of following traffic. Signal your intention and, when safe to do so, take the appropriate position. Wait until there is a safe gap between you and any approaching vehicles before you complete a right turn".*

U l-artikolu 79 jgħid:

*"When changing direction, you must invariably signal your intention to turn well in advance and make sure that it is safe to do so by looking in your mirror".*

Illi l-awtur **Gibb** fi **"Trial of Motor Car Acident Cases**", f'paġna 85 jgħid:

*"A motorist has a right to turn his car in the highway, unless prohibited by some regulation. In so doing, however, he must have regard to the safety of others using the highway. He must be charged with negligence, if he turns his car to the right across the path of an approaching vehicle ... making it impossible for the driver of the rear car to avoid a collision... The act of turning across the line of oncoming traffic is one which imposes a special duty of care ..."*

U illi l-istess awtur jgħid f'sezzjoni 101*: "It is not enough to sound the horn or give some other signal; it is also necessary that such warning be given at the proper time and place. The signal should be given so that it will serve its purpose.*

*...*

*The driver's duty is not confined to making signals; he must see, so far as he can see, that they have been understood and he may be guilty of careless driving if he drives on after making one without so seeing".*

Illi fil-kawża **"Pulizija vs Gaetano Sapiano"** (Appell Kriminali, deċiż fil-21 ta' Novembru 1936, Vol. XXIX.iv.557) ġie ritenut li *"mhux biżżejjed li wieħed jagħmel sinjali biex juri x'mossa ikun ser jagħmel waqt li qiegħed isuq, imma hemm bżonn li dawk is-sinjali jagħmilhom fil-ħin u fil-lok opportun biex jistgħu jkollhom l-effett tagħhom".*

Illi madankollu, da parti tiegħu l-konvenut ukoll billi ried jaqbeż vetturi oħra kellu diversi dmirijiet. Għaċ-ċirkolazzjoni ordnata tat-traffiku, regolament fondamentali huwa n-numru 63 tal-*Motor Vehicles Regulations* li jistabbilixxi li vettura għandha taqbez ohra minn fuq il-lemin. Regola importanti ħafna pero' biex jista' jsir sorpass hi li tali sorpass irid isir b'sikurezza għas-sewwieq li jkun qiegħed jeffettwa din il-manuvra u għall-utenti l-oħra tat-triq (ara Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Manwel Mallia"** deċiż fid-9 ta' Marzu 1959, Vol. XLIII.iv.1001; Appell Ċivili fl-ismijiet **"Alfred Zammit Cutajar noe vs Joseph Formosa et"** deċiż fis-26 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV.i.253; Appell Kriminali fl-ismijiet **"Il-Pulizija vs Spiru Zammit"** deċiż fl-14 ta' Frar 1962, Vol.XLVI.iv.814; Prim'Awla fl-ismijiet **"George Attard vs Charles Grima et"** deċiża fid-9 ta' Marzu 1992, Vol. LXXVI.iii.556).

Illi **Charlesworth** fit-test **"The Law of Negligence",** pp. 78-79, 2nd edition, jgħid illi:

*"The driver of the overtaking vehicle, before attempting to overtake, should see that it is safe to do so… A driver should not overtake at a corner or bend ... or at cross-roads. In all cases, it is the duty of the person overtaking to overtake only when he can do so without causing danger to other traffic".*

U **Gibb**, fit-test **"Trial of Motor Car Accident Cases"**, para. 77 u 78, jgħid:

*"He should wait for a suitable opportunity before attempting the passage, and he should not attempt to pass unless he can do so with reasonable safety…"*

*"If he finds that the surroundings are such that he cannot pass with safety, it is incumbent upon him either to stop his car or drop back…"*

Illi kif jirrakkomanda l-artikolu 71 tal-**Highway Code**: *"Never overtake unless you are SURE that you can do so without danger to yourself or others."* Fil-waqt li l-artikolu 74 tal-Highway Code jenfasizza*: "DO NOT OVERTAKE at or when approaching: ... (ii) a road junction; (iii) a sharp corner or bend …."*

Illi fil-kawża ċivili **"Borg vs Ciantar"** deċiża *in parte* mill-Qorti Ċivili Prim Awla fid-9 ta' Novembru 1968, ġie ritenut li l-*onus* tal-prova li s-sewwieq tal-vettura ta' quddiem kien negliġenti u bin-negliġenza tiegħu kkaġuna l-kolliżjoni jaqa' fuq is-sewwieq tal-*overtaking vehicle*. *(sottolinear tal-Qorti)*. Il-Qorti tirreferi wkoll għas-sentenza fl-ismijiet **"Gasan Insurance vs Galea"** deċiża fil-21 ta' Ġunju 2002 minn din il-Qorti diversament preseduta li minnha siltet ħafna minn dawn il-kwotazzjonijiet.

Illi fil-fehma tal-Qorti, f'dan il-każ, il-kawża prossima tal-inċident huwa s-sewqan tal-konvenut li ddeċieda li ma jibqax jistenna l-vetturi li kellu quddiemu u jissorpassahom kollha fuq in-naħa l-ħażina tat-triq. B'dan il-mod issogra li tiġi vettura minn faċċata tiegħu iżda minflok sab lil Xuereb li kien qed jikser lejn il-lemin tiegħu kif seta' jagħmel għaliex ma kien hemm ebda sinjal li jippreklidih milli jagħmel dan.

Illi kwantu għad-danni, jirriżulta mill-provi li s-soċjeta' attriċi ħallset is-somma mitluba lill-assikurat tagħha, u kwindi t-talba hija ġustifikata. L-eċċezzjoni tal-konvenuta li għandha tiġi liberata mill-osservanza tal-ġudizzju hija ġustifikata għaliex bejn il-konvenuti miżżewġin Ben Hamed kien hemm is-separazzjoni tal-beni skond id-dokumenti esebiti minnha.

Jirriżulta wkoll li l-istess konjuġi huma separati permezz ta' kuntratt ukoll esebit.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eċċezzjoni tal-konvenuta Dorothy Ben Hamed (issa Sciberras) u tilliberaha mill-osservanza tal-ġudizzju, tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut u tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti billi tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' tnejn u għoxrin elf, disa' mija, wieħed u għoxrin Ewro u tlett ċenteżmi (€22,921.03) lill-attriċi u erba' mija u seba' Ewro, erbgħa u sittin ċenteżmu (€407.64) lill-attur bl-imgħaxijiet kif mitluba.**

**L-ispejjeż ikunu a kariku tal-konvenut ħlief tal-konvenuta Dorothy Ben Hamed li għandhom jitħallsu mis-soċjeta' attriċi.**

**Moqrija.**

**Onor. Joseph Azzopardi LL.D.**
**Imħallef**

**Mario Debono**
**Deputat Reġistratur**